# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 6 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 523/2018 JPG**

**Kawza Numru : 29**

**MGS**

**U**

**MG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' MGS u MG, datat 27 ta' Novembru, 2018, a fol 1 li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti kienu zzewgu nhar it-tlieta (3) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija u disghin (1990) [ Dok A];*

*Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifel bl-isem NGS li twieled fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) li llum il-gurnata huwa maggorenni u jahdem fuq bazi full-time.*

*Illi minkejja li l-partijiet sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Claire Camilleri datat erbghatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) [Dok B], huma ilhom di facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin u qatt ma regghu rrikonciljaw*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzoni bejniethom stante li minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata*

*minn xulxin;*

*Illum huma m'ghandhomx assi komuni bejniethom;*

*Illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MG** xehed a fol 34 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-3 t'Awissu 1990 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fl-14 ta' Novembru 2018 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ghalkemm kienu diga ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin qabel ma sar dan il-kuntratt. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet twieled tifel wiehed, li llum il-gurnata huwa maggorenni u jahdem *full time*. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta'

rikonciljazzjoni.

**MGS** xehdet a fol 37 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda ta' MG.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi wara z-zwieg taghhom fit-3 ta' Awwissu 1990 (Vide certifikat Dok A a fol 3 tal-process), l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 14 ta' Novembru 2018 fl-atti tan-Nutar Dottor Claire Camilleri, debitament awtorizzat mill-Qorti (Vide Dok B a fol 4 et seqq.), u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**